MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2012

Numru. 29/2008

Il-Pulizija
(Sp Johann Fenech)
vs
Charlo Azzopardi, iben Carmelo, imwieled Pieta’ fl-24 ta’ Settembru, 1983, karta ta’ l-identita numru 497983(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fit-28 ta’ Lulju, 2007 ġo Marsaxlokk:
1. bil-ħsieb li jagħmel ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Terence D’Amato, wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, meta saq fid-direzzjoni ta’ l-istess persuna bil-vettura ta’ l-għamla Toyota, bin-numru tar-reġistrazzjoni HBC 462, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali jew indipendenti mill-volonta’ tiegħu;

2. saq l-istess vettura Toyota b'manjiera perikoluza u traskurata u b'veloċita' eċċessiva;
3. kiser il-paċi pubblika u il-bon ordni b'għajjat, storbju jew mod ieħor;
4. sar reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta).
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tissospendi jew tirrevoka l-liċenzji tas-sewqan ta' l-imputat għal perjodu ta' żmien li jidrilha xieraq, kif ukoll tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta ta' Terence D'Amato.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fit-28 ta' Lulju, 2007 kien hemm disco party fil-'waterpolo pitch' ta' Marsaxlokk. Ġara li għal ħabta tas-6.30 p.m. l-imputat li kien prezenti hemm iddeċida li jitlaq iżda qabel mar biex juża l-uniku toilet li kien hemm. Waqt li kien qiegħed hemm ġie ċertu Charlo D'Amato minn warajh u imbuttah. Inqala argument u minħabba l-fatt li l-argument kien ser jisħon l-imputat qabad u telaq 'il barra.

Illi l-versjoni tal-aħwa Charlo u Terence D'Amato hi xi ftit differenti. Charlo xehed li meta mar it-toilet l-imputat kien qed idum u qallu biex iħaffef. Hu jgħid li l-imputat beda joffendih. Min-naħa tiegħu Terence D'Amato xehed li hu kien qiegħed barra u sema' lill-imputat igħid li hu ried jagħti xeba lil ħuh Charlo.

Illi sa dak il-ħin l-iskontru kien qieħed verbali iżda l-versjonijiet huma djametrikament opposti meta nqala l-inċident fil-car park.

Illi Terence D'amato xehed li meta hu wasal il-car park l-imputat rikeb il-vettura tiegħu u qabad u saq għal fuqu. Kosegwenza ta' dan hu safa' mtajjar mill-imputat o sofra feriti fuq il-persuna tiegħu.  L-għarusa tiegħu Roxanne Micallef ikkonfermat il-versjoni ta' tiegħu.  L-istess għamlu Joseph Bugeja u Joanne D'Amato li kkonfermaw l-versjoni ta' Terence D'Amato.  Konsegwenza oħra ta' dan l-inċident hu li Terence D'Amato xehed li meta ntlaqat hu xejjer b'idu u konsegwenza ta' din l-azzjoni hu kisser il-windscreen tal-vettura ta' l-imputat.

Illi l-versjoni ta' l-imputat hi li hu kien sejjer id-dar bil-kwiet biex jevita nċidenti ulterjuri u meta riekeb fil-vettura tiegħu Terence D'Amato ġie bil-ġirja u b'flixkun ta daqqa fuq il-windscreen u faqgħu.  Din il-versjoni hi konfermata minn Steve Psaila li jirrizulta li wara li l-imputat telaq minn fuq il-post safa vittma tal-aħwa D'Amato għal ebda raġuni.  Fil-fatt ix-xhieda ta' Steve Psaila hi waħda dettaljata u preċiza.

Illi fuq l-iskorta tal-provi prodotti jirrizulta ċar li hemm konflitt ta' provi ta' kif ġraw verament l-affarijiet.  Il-versjoni mogħtija mill-imputat u Steve Psaila hi waħda kredibbli speċjalment kif jispjegaw li nkiser il-windscreen tal-vettura ta' l-imputat.  Hu ferm diffiċli li ixejjer idejk u tkisser windscreen.

Illi ma ġie riskontrat ebda sewqan perikoluz jew traskurat wisq anqas li kiser il-paċi pubblika da parti ta' l-imputat.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------